TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru. 18/78

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Is-Sur Anthony Cardona
u
Messrs. Clothing Industries
(Malta) Ltd

Chairman: C.J. Mallia

Data: 3 ta' Lulju, 1978.

Fil-31 ta' Mejju, 1978, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Socjali u Kultura irriferit lit-Tribunal l-allegazzjoni tas-Sur Anthony Cardona li huwa kien gie mkecci ingustament mid-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd.

2. It-Tribunal zamm erba seduti biex sema' l-kas, sema' l-partijiet u x-xhieda li xtaqu jgibu, u ezamina d-dokumenti esibiti. L-appellant is-Sur Anthony Cardona kien assistit mis-Sur Dominic Bartolo. Għal Messrs. Clothing Industries (Malta) Ltd. deher Mr. Warwick D. Robinson, General Manager, assistit mis-Sur John Cardona, Company Secretary. Billi ma kienx hemm qbil li l-kas jitmexxa bl-Ingliz, is-Sur John Cardona, debitament maħluf, għamilha ta' interpretu għal Mr Robinson.

3. Mr Anthony Cardona kien gie mpjegat mid-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd. bħala trainee Cutting Room Supervisor fl-20 ta' Settembru, 1976, meta d-ditta baghtitħu għal tlett xhur training f'dawk li huma "cutting room management techniques "mad-ditta Levi Strauss UK Ltd. fi Glasgow, Scotland. Hu kien gie magħzul minn fost numru ta' applikanti. Dak iz-zmien hu ga kellu f'idejh certifikat iddatat 15 ta' April, 1974, ta' xogħol li kien għamel mad-ditta Blue Bell (Malta) Ltd. għal aktar minn sentejn. Minn hemm hu kien telaq minn rajh. Ic-certifikat, li tiegħu giet esibita kopja waqt il-process, kien ifaħħar il-karattru u l-output ta' Mr. Anthony Cardona. Jgħid ukoll ic-certifikat li ma' Blue Bell (Malta) Ltd., li kienu jipproducu jeans, ix-xogħol

/..........

tal-appellant kien principalment "quality checking" li jinkludi kwazi t-taqsimiet kollha, fosthom Cutting, Spreading, Parts, eccetra. Għal certu zmien ma' Blue Bell kien ukoll Supervisor fuq numru ta' Sewing Operators, fejn ix-xoghol tiegħu gie meqjus eccellenti "with very little supervision from Management." Dan qed jintqal biex juri li s-Sur Anthony Cardona kellu ga certa esperjenza fl-industrija tal-ħwejjeg anke qabel intbagħat Scotland għal training, u din l-esperjenza kienet ixxaqleb aktarx lejn "supervision".

4. Huwa mportanti wkoll iz-zmien ta' tlett xhur training li l-appellant għamel ma' Levi Strauss fi Scotland a spejjes tal-kumpanija maltija. Fuq dan saru lmenti quddiem it-Tribunal li ma ngabx certifikat xieraq minn għand Levi Strauss stess, fil-ħin opportun, dwar il-performance tas-Sur Cardona. Izda waqt il-kas giet esibita kopja ta' certifikat mill-istess Clothing Industries (Malta) Ltd., li jgib id-data tat-3 ta' Ottubru, 1977 (inqas minn xahar qabel is- Sur Cardona gie mkecci minn din id-ditta fit-28 ta' Ottubru, 1977), u li hu ffirmat minn Mr W. D. Robinson stess bħala General Manger. Dan ic-certifikat, barra milli jsemmi t-training li ingħata, jgħid li s-Sur Anthony Cardona "also spent time in the cutting-room spreading and cutting, and was, at the end of this training period, given the opportunity to manage Levi's cutting room for a week". Din il-prova s-Sur Cardona bilfors li għaddieha tajjeb, għaliex l-istess certifikat tat-3 ta' Ottubru, 1977, ta' Mr Robinson ikompli jgħid hekk:

> "The report received from Levi's on termination of his (Mr Cardona's) training period lead the Management of Clothing Industries (Malta) Ltd. to confirm him in the position of Cutting Room Supervisor, on the opening of the Company in Malta".

5. Mela, wara

(a) esperjenza minn qabel fl-istess industrija tal-ħwejjeg;

(b) training xieraq ma kumpanija magħrufa fl-istess linja li kella output akbar minn ditti simili maltin; u

(c) rizultat ta' dan it-training li kien ovvjament sodisfacjenti,

x'kien li wassal ghat-tkeccija tas-Sur Anthony Cardona minn mad-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd? Hawn ghandna l-kliem li weza l-istess Mr. W.D. Robinson, meta, din id-darba bhala Plant Manager, fit-28 ta' Ottubru, 1977, ikkonferma bil-miktub lis-Sur Cardona il-waqfien tal-impieg tieghu mal-kumpanija "forthwith". Mr Robinson qal:

> " I am taking this action as I consider that you are unable to cope efficiently with the position of Supervisor in the Cutting Room with the increased responsibilities as the Company is growing".

Din l-istess raguni nghatat fuq ic-certifikat tat-temm ta' mpieg li intbaghat lill-Labour Office fit-28 ta' Ottubru, 1977.

6. It-Tribunal ma jistghax ma jintlaqatx mill-fatt li certifikat dwar it-training tal-appellant ma' Levi Strauss fi Scotland gie moghti minn Mr. Robinson anqas minn xahar qabel it-tkeccija. Kif ga gie osservat, dak ic-certifikat ma juri xejn kontra s-Sur Cardona. Ghalhekk huwa jahbat ma' dak li qal Mr. Robinson stess lit-Tribunal li hu kien jghid lil Mr. Cardona b'nuqqasijiet ghal xi sitt xhur qabel it-tkeccija, u li l-posizzjoni ta' Mr. Cardona kienet saret prekarja (u dan s-Sur Cardona skond Mr. Robinson kien jafu) xi tlett xhur qabel it-tkeccija. It-Tribunal jaqbel mat-tesi tal-kumpanija li ma tantx hu kunsiljabbli li mpjegati gholjin jigu mwissija jew imhedda bil-miktub. Imma ma jistghax jikkoncilja l-fatt li mpjegat gholi, li jinghad li kien gie spiss imwissi verbalment fuq nuqqasijiet, wara jigi moghti certifikat favorevoli bil-miktub.

7. It-Tribunal sema' l-argumenti li gieb l-appellant dwar nuqqas ta' tghammir, hsarat, u tilwim bejn persuni fil-Management --- fatturi kollha dawn li skond hu kienu ifixklu x-xoghol tal-Cutting Room. It-Tribunal ra wkoll it-twegiba tad-ditta li tghid li dawn id-diffikultajiet gew esagerati hafna. Kien hemm ukoll il-figuri tal-produzzjoni ghax-xhur ta' Ottubru, 1977 (qabel tkecca Mr. Cardona) u Novembru, 1977 (wara li tkecca Mr. Cardona). Kellha mportanza specjali x-xhieda ta' Mr. Saviour Cachia, li qabel kien Cutter taht l-appellant u llum jokkupa l-post ta' Cutting Room Supervisor flok Mr. Cardona. It-Tribunal certament jirrispetta

l-gurament li tahtu Mr. Cachia xehed, kif ukoll japprezza li dan l-istess Sur Cachia illum huwa mpjegat tad-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd. f'livell gholi "supervisory" u jitqies "in a managerial capacity". Ix-xhieda tas-Sur Cachia ikkonfermat li kien ikun hemm tilwim fil-Management, kif ukoll li minn dan gie li sofrew il-haddiema.

8. Mill-kompless tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet kollha, it-Tribunal jibqa' ma jifhimx il-bidla tas-Sur Anthony Cardona minn Supervisor ippreparat, ittrenjat, u tajjeb (jew almenu mhux hazin) f'wiehed inefficjenti tant li kien hemm bzonn li jigi mkecci "forthwith". Billi ma jifhimx dan, it-Tribunal ma jistghax jara li t-tkeccija tas-Sur Anthony Cardona kienet gusta. Il-kliem, fir-raguni tat-tkeccija, "increased responsibilities as the Company is growing", aktarx jissuggerixxu li r-raguni li inghatat ghat-tkeccija kienet pjuttost ipotetika, igifieri li seta' nhaseb li dan l-impjegat ma jkunx tajjeb biex ilahhaq ma xoghol li kien qieghed jizdied fil-Cutting Room. Raguni bhal din ghanda minn-natura ta' skuza. It-Tribunal innota

(a) li ghal fatt li kien hemm twissijiet verbali hemm il-kelma tal-General Manager (Mr. Robinson) biss;

(b) li ma sar ebda sforz biex tigi diskussa s-sitwazzjoni fil-Cutting Room ma' l-appellant, biex dan jigi ndott u mghajjun biex jirranga; u

(c) ma kien hemm ebda offerta lis-Sur Anthony Cardona biex dan jekk irid jaccetta kariga ohra, nghidu ahna ta' Cutter, mal-Kumpanija.

9. L-appellant, almenu sa fejn iwasslu l-provi migjuba, gie ffaccat biss bi tkeccija "forthwith".

10. Is-Sur Cardona, fis-sottomissjonijiet tieghu, allega li d-ditta ma rrispettatx il-ligijiet ta' Malta dwar impieg, twissijiet, u tkeccija. Ghal dan il-kumpanija irrispondiet li parti mid-dmirijiet tas-Segretarju taghha hija propriju li jzomma nfurmata dwar regolamenti maltin fuq impieg. Dawn kienu stqarrijiet generici, u ghalhekk it-Tribunal ma setghax jidhol fihom. Izda hafna normi dwar l-impieg illum huma maghrufa u osservati internazjonalment. Fost dawn hemm illi t-tkeccija hija maghrufa bhala kastig estrem u ghalhekk trid raguni valida biex tista' ssir. Dan hu

/........

maghruf ukoll hekk u car mill-International Labour Organisation (ILO), kif dan it-Tribunal kellu lok isemmi aktar minn darba f'kasi recenti.

11. It-talbiet tal-appellant huma dawn:

(1) Kumpens ghax-xhur li ilu mkecci.

(2) Li jerga' jigi mpjegat fejn kien (reinstatement).

(3) Jekk it-talba (2) tfalli, certifikat tajjeb biex Mr. Cardona ikun jista' jimpjega ruhu tajjeb band'ohra.

12. Dwar it-talba taht (2), reinstatement, hemm il-fatt li, sa mill-ewwel seduta, Mr. Robinson qal li hu jikkunsidra lil Mr. Anthony Cardona bhala ta' "senior supervisory level" u impjegat "in a managerial capacity". It-Tribunal jaqbel ma din il-klassifika ghal wiehed li kien Supervisor ta' sezzjoni, u jidhirlu li dan mhiex klassifika kapriccjuza.

13. Kollox flimkien, ma giex muri illi s-Sur Anthony Cardona mmerita tkeccija, u ghalhekk dik it-tkeccija ma kienetx gusta. Huwa maghruf anke miz-zewg partijiet illi persuna mpjegata f'kariga amministrattiva, li titkecca u li l-kumpanija tghid li tkun tilfet il-fiducja fiha, ma tistax terga' tigi mpegata b'ordni tat-Tribunal.

AWARD

14. Ghalhekk, fuq it-talbiet tal-appellant, it-Tribunal jiddiciedi dan gej:

(1) Id-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd. ghanda thallas lil Mr. Anthony Cardona is-somma ta' £M200 (mitejn lira maltin), bhala kumpens ghat-tkeccija, hlas li ghandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju, 1978.

(2) Li l-appellant jerga' jigi mpjegat huwa prekluz mill-artikolu 33 tal-Att Nru. XXX ta' l-1976.

(3) Id-ditta Clothing Industries (Malta) Ltd. ghandha, mhux aktar tard mis-17 ta' Lulju, 1978, tati lis-Sur Anthony Cardona certifikat li jkopri t-training tieghu ma Levi Strauss UK Ltd. (bi kliem li ga ntuza fic-certifikat li ffirma Mr. Robinson fit-3 ta' Ottubru, 1977) u x-xoghol tieghu

ma' Clothing Industries (Malta) Ltd., b'ebda referenza ghal tkeccija jew ghal inefficjenza biex ilahhaq max-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman

(S.Grech)
Segretarju

3 ta' Lulju, 1978.

fp